# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 122/2015/VG**

**Lorraine ATTARD**

**Vs**

**(1) XL Projects Limited**
**(2) Dottor Clarence BUSUTTIL**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-13 ta' Frar, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallasuha in solidum bejniethom is-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro [€3494.06c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Peress illi l-attrici nkarigat lil intimati sabiex jaghmlu xoghol ta' finishings fil-fond bl-indirizz Caprice issa Samara, 30, Triq il-Huttafa, Kappara, San Gwann;

Peress illi l-attrici hallset l-ammont ta' erbat' elef u tlett mitt ewro (€4300) ghal tali xoghol ta' finishings, rapprezentanti parti minn somma akbar imhallsa lil intimati; liema finishings baqghu ma sarux. Izda ai fini ta' gurisdizzjoni tiddikjara illi qieghda tillimita t-talba taghha ghal tlett' elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06);

Peress illi l-intimati ghalkemm interpellati sabiex jirrifondu l-prezz li l-attrici hallset ghal tali xoghol ta' finishings li ma sarux, huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara illi l-intimati soldament bejniethom huma obbligati li jirrifondu lill-attrici l-ammont ta' tlett' elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) u
2. Jikkundanna lill-intimati soldament bejniethom ihallsu lill-attrici l-ammont ta' tlett' elef, erba mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali bin-numru 2305/12 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2747/12 u l-imghax mid-data tal-ittra ufficjali".

Ra li l-intimati gew debitament notifikati bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Lorraine Attard li kkonfermat li l-ammont reklamat minnha ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

Ra li Dr. Carina Testa ddikjarat li rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimati in solidum bejniethom tas-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro [€3494.06c] liema somma hija kienet ghaddiet lill-intimati in konnessjoni ma' xoghol ta' finishings, liema finishings baqghu ma saru x mill-intimati.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat minnha ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimati gew debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimati in solidum bejniethom.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti in solidum bejniethom is-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro [€3494.06c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-10

ta' Ottubru, 2012, id-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali (fol. 38), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2305/12 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2747/12 huma a kariku tal-intimati.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**